**MINUTI**

Laqgħa Pubblika Annwali tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru LPA/02/2017**

**16 ta' Jannar 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi, Għawdex nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2017 fis-6 ta' filgħaxija. Għal din il-laqgħa kienu mistednin il-membri kollha, is-Sindku tal-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson*
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata għaliex ma kinetx tiflaħ.

**ASSENTI**

Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU PREŻENTI**

Pubbliku preżenti kien hemm ħamsa (5).

**Minuti**

Iċ-*Chairperson,* is-Sur Mark Busuttil ippresjeda l-laqgħa.

## 02.1 Rendikont tar-Rapport tax-Xogħlijiet li saru mill-Kumitat matul l-2016

02.1.1 Iċ-*Chairperson* elenka x-xogħlijiet li saru matul is-sena 2016. Huwa spjega fid-dettall ix-xogħlijiet li qed iwettaq il-Kumitat.

------------------------------------------------------------------------------------------------------------

**Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR1012, Għawdex * T. 21558755 * F. 21558787 * E. munxar.lc@gov.mt**

## 02.2 *Budget* għas-sena 2017 u l-Pjanijiet tal-Proġetti

02.2.1 Din is-sena ser ikun hemm żieda ta' kważi €8,000 u proġetti immedjati huma l-bdil tal-lanterni tax-xtajta ma' dawk LED's, xiri ta' *litterbins* u jinbidlu s-siġar tal-bruk li mietu fi Triq il-Kantra.

02.2.2 Ser isir programm ta' *entertainment* fix-Xlendi għas-sajf 2017.

## 02.3 Suġġerimenti, Ilmenti u Kumplimenti mill-Pubbliku Preżenti

02.3.1 Kien hemm lmenti rigward boroż taż-żibel suwed li mhux jinġabru u qed jitħallew fit-toroq. Il-Kumitat ippropona illi barra l-ġbir li qed isir preżentatment li huwa: skart organiku jinġabar nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa, skart imħallat jinġabar nhar ta' Tnejn u Sibt filwaqt li skart riċiklabbli jinġabar nhar ta' Tlieta, jibda jinġabar skart imħallat ukoll nhar ta' Ħamis minn April sa Ottubru u nhar ta' Ħadd u nhar ta' Tlieta minn Lulju sa Settembru.

02.3.2 Is-siġar tal-bruk tal-*pots* ta' Triq il-Kantra li kien hemm mietu mhux għaliex ma ssaqqewx iżda l-problema hija għaliex dawn is-siġar inqalgħu mill-art u tpoġġew ġo *pot* f'Awwissu.
Is-siġar il-mejta ser jinbidlu ma' oħrajn.

02.3.3 Xi lampi ta' triq fi Triq il-Kantra huma maħruqa u l-Kumitat ser jirrapportahom.

02.3.4 Kien hemm ilment li t-tiżjin tal-Milied għadu jixgħel sal-ġurnata tal-lum.

02.3.5 Ġie mfaħħar il-passaġġ li sar max-xtajta.

Il-laqgħa pubblika ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Mark Busuttil | Anthony Grech |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |